



STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 48/26

Il-Lussemburgu, 26 ta' Marzu 2026

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża magħquda C-696/23 P | Pumpyskiy vs Il-Kunsill, C-704/23 P | Khudaverdyan vs Il-Kunsill, C-711/23 P | Rashnikov vs Il-Kunsill, C-35/24 P | Mazepin vs Il-Kunsill et C-111/24 P | Khan vs Il-Kunsill

Gwerra fl-Ukraina: il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonferma l-iffriżar tal-fondi ta' ħames negozjanti ewlenin li joperaw fir-Russja

Hekk kif bdiet il-gwerra tar-Russja kontra l-Ukraina fi Frar 2022, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea adotta miżuri restrittivi 1 kontra negozjanti ewlenin li jeżerċitaw attività f'setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul għall-Gvern Russu.

F'dan il-kuntest, Dmitry Alexandrovich Pumpyskiy, Tigran Khudaverdyan, Viktor Filippovich Rashnikov, Dmitry Arkadievich Mazepin u German Khan, li kienu s-suġġett ta' tali miżuri, ippreżentaw rikorsi quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea. Wara ċ-ċaħda tar-rikorsi tagħhom mill-Qorti Ġenerali fl-2023 2, huma ppreżentaw appelli quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

Fis-sentenza tal-lum tagħha, **il-Qorti tal-Ġustizzja tiċħad l-appelli kollha.**

Qabel kolloxx, hija tippreċiża li huma s-"setturi ekonomiċi" li għandhom jipprovdu lill-Gvern Russu sors sostanzjali ta' dħul, u mhux in-negozjanti ewlenin li jkollhom attività f'dawn is-setturi.

Hija tippreċiża wkoll li l-kunċett ta' "influenza" tan-negozjanti għandu jinftehem fid-dawl tal-kuntest ekonomiku li fih joperaw dawn il-persuni, **indipendentement mir-rabta li huma jista' jkollhom mal-Gvern Russu.** Huwa fil-fatt minħabba l-importanza sinjifikattiva tagħhom għall-ekonomija Russa li tali persuni jistgħu jiffavorixxu indirettament il-finanzjament tal-azzjonijiet ta' destabilizzazzjoni mmexxija kontra l-Ukraina, billi jikkontribwixxu għaż-żamma tal-profittabbiltà tas-setturi ekonomiċi li fihom huma attivi, jew saħansitra għall-prospertà tagħhom.

Sussegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar li hija biss in-natura manifestament mhux xierqa ta' kriterju li jservi ta' bażi għall-impożizzjoni ta' miżuri restrittivi li tista' taffettwa l-legalità tiegħu. Tali kriterju ma jistax jitqies li huwa illegali kemm-il darba jkollu fil-mira tiegħu kategoriji ta' persuni li jkollhom rabta oġġettiva, anki indiretta u anki indipendentement minn kull aġir personali, mal-pajjiż terz li l-Unjoni Ewropea tkun qiegħda tfittex li tissanzjona. F'dan il-każ, il-Qorti tal-Ġustizzja ssostni li teżisti rabta oġġettiva bejn, minn naħa, in-negozjanti ewlenin li jeżerċitaw attività f'setturi ekonomiċi li huma ta' lukru għar-Russja u, min-naħa l-oħra, l-għan li tiżdied kemm il-pressjoni eżerċitata fuq dan il-pajjiż kif ukoll l-ispiża tal-azzjonijiet ta' destabilizzazzjoni tal-Ukraina mmexxija minnu.

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonferma li, sabiex jiġi ddeterminat jekk il-miżuri restrittivi humiex proporzjonati, għandu jiġi vverifikat biss jekk humiex manifestament inadegwati sabiex jintlaħaq l-għan leġittimu mfittex u jekk imorrux manifestament lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħaq dan l-għan. Dan ma huwiex il-każ f'din il-kawża.

NOTA: Il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tiegħu konjizzjoni ta' appell, limitat għal kwistjonijiet ta' dritt, minn sentenza jew minn digriet tal-Qorti Ġenerali. Bħala prinċipju, l-appell ma għandux effett suspensiv. Jekk ikun ammissibbli u fondat, il-Qorti tal-Ġustizzja tannulla d-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali. Fil-każ fejn il-kawża tkun fi stat li tiġi deċiża, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' hija

stess taqta' l-kawża b'mod definittiv. Fil-każ kuntrarju, hija għandha tibgħat lura l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali, li tkun marbuta bid-deċizzjoni mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja fl-appell.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ u fejn applikabbli is-sunt](#) tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355.

Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106.

Ibqgħu konnessi!



¹ [Deċizzjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK](#) tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina, fil-verżjoni tagħha kif emendata bid-[Deċizzjoni tal-Kunsill \(PESK\) 2022/329](#) tal-25 ta' Frar 2022.

² Sentenzi tas-6 ta' Settembru 2023, Pumpjanskiy vs Il-Kunsill, [T-270/22](#) (ara wkoll l-Istqarrija għall-istampa [Nru 132/23](#)) u Khudaverdyan vs Il-Kunsill, [T-335/22](#); tat-13 ta' Settembru 2023, Rashnikov vs Il-Kunsill, [T-305/22](#); tat-8 ta' Novembru 2023, Mazepin vs Il-Kunsill, [T-282/22](#) (ara wkoll l-Istqarrija għall-istampa [Nru 166/23](#)), u tad-29 ta' Novembru 2023, Khan vs Il-Kunsill, [T-333/22](#).